MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Numru. 479/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nikolai Sant]**

**vs**

**Shaun Debono**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shaun Debono detentur tal-karta tal-identita` numru 201790(M).

Akkuzat talli nhar it-18 ta' April 2010, ghall-habta ta' 3:50hrs gewwa San Giljan;
1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alan Xuereb skont kif iccertifika Dr. Rene Camilleri Reg. No. 3025 tal-Isptar Mater Dei.

2. hebb ghall-Alan Xuereb sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

3. kiser il-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex titratta ma' Shaun Debono li huwa rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarji.

Semghet ix-xhieda, b'mod partikolari tal-parte civile Alan Xuereb u ta' Alexander Ebejer li it-tnejn xehdu kif graw skont huma il-verzjoni tal-fatti. Il-verzjoni taghhom kienet illi l-imputat beda jiddibatti ma' xi tfajla fil-klabb Clique dik il-lejla tal-incident, fejn ix-xhud Alexander Ebejer beda jhares lejhom f'daqqa u l-waqt l-imputat beda jghidlu ghalxiex beda jhares u qamet glieda bejniethom. F'dak il-hin hareg il-parte civile minn hdejn il-kamra tal-banju u mar biex iferraqhom fejn l-imputat ta daqqa ta' tazza go wicc Alexander Ebejer. Imbaghad, meta l-imputat hareg barra l-klabb huma hargu jigru warajh u sabuh hdejn il-bajja ta' San Gorg meta fil-pront gew ukoll il-pulizija.

Xehed Dr Rene` Camillleri li ezamina lil Alan Xuereb fejn xehed illi dan kellu zewg lacerazzjonijiet superficjali fuq wiccu izda minhabba li kienu fuq il-wicc ikklassifikhom bhala gravi.

Xehdet ukoll Daniela Xuereb li tigi oht il-parte civile Alan Xuereb li rat l-incident kollu fil-klabb Clique u fejn ikkorroborat il-verzjoni ta' huha u ta' Alexander Ebejer u fejn qalet ukoll illi l-imputat Shaun Debono qabad tazza li kien sab fuq il-bar ta' dan il-klabb u ta' daqqa lil huha biha.

Xehed ukoll Christian Baldacchino li dakinhar tal-incident kien ma' Shaun Denono fejn kull ma ra kienet tgegwigija

ta’ glied u kien hemm f’nofshom l-imputat Shaun Debono li b’konsegwenza ta’ dan kellu xi griehi hfief.

Xehdet habiba tal-imputat Oriana Bonnet li qalet li Shaun kien involut fi glieda u xi erba’ min-nies bdew jaghtuh li wiehed minnhom kien Alan Xuereb.

Finalment xehed l-imputat li ta l-verzjoni tieghu hekk kif kien qal fl-istqarrija. Din kienet li hekk kif fetah il-bieb tal-kamra tal-banju tal-klabb Clique, huwa ra lil Alan Xuereb jigbed xi haga (li kien qed jirreferi li kien qed jigbed xi droga) u Alan qallu sabiex ihabbat darb ohra u qabad u hareg ’il barra. Meta hareg Alan minn gol- karma tal-banju dan aggredieh u bdiet il-glieda sakemm ma gew il-‘bouncers’ tal-post u harguh il-barra minn hemm.

Illi il-Qorti, wara li ezaminat u fliet bir-reqqa ix-xhieda u d-dokumenti kollha tasal biex tikkonkludi hemm zewg verzjonijiet tal-fatti. L-ewwel verzjoni hi dik moghtija mill-parte civile u x-xhieda tieghu li kkorroboraw din il-verzjoni u dik tal-imputat Shaun Debono li ma setghetx tigi kkorroborata minn xhieda ghaliex meta Shaun ra lil Alan fil-kamra tal-banju ma kienx hemm persuni ohrajn prezenti.

Ghalkemm iz-zewg verzjonijiet jistghu ikunu veritjieri u jaghmlu sens ghal min ikun qed jismaghhom, izda wahda ghandha tkun dik il-verzjoni li l-Qorti ghandha taccetta bhala vera u din ghandha tkun dik il-wahda f’dan il-kaz li hi kkorroborata b’xhieda ohra u din hija l-verzjoni li ta l-parte civile Alan Xuereb.

Ghal dawn ir-raguni u wara li rat l-Artikoli 17, 216 (1) (b), 338 (dd), 339(1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta, qed issib lil Shaun Debono hati tal-ewwel (1) sat-tielet (3) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) filwaqt li ma ssibux hati tal-addebitu tar-recidiva stante li ma gietx ippruvata.

Finlament, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------